**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 29 ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru. 51/2015**

**A.I.L. Limited (C 11156) u**
**Leone Grech (ID 163950M) ghal**
**kull interess li jista' jkollu**

**-vs-**

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **A.I.L. Limited u Leone Grech** fit-13 ta' Awissu 2015 li permezz tieghu ippremettew s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju 2015 (Ticket No: 148800, TM Ref. No.: TM 1109/2015, Anness Dok. 'A') l-Awtorità appellata allegat ksur tar-Regolament 56 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56) fil-konfront tal-appellanti odjerni konsistenti f'allegazzjoni li fis-16 ta' Lulju 2015, fl-inhawi ta' Citygate, Floriana ghall-habta tat-15:55, fil-vettura tar-registrazzjoni JCY 905 ma kienetx fi stat tajjeb ta' manutensjoni;*

*Illi permezz ta' ittra datata 25 ta' Lulju 2015 (Anness Dok. 'B') l-appellanti odjerni ipprezentaw ir-rapprezentazzjonijiet bil-miktub sabiex jikkuntestaw l-imsemmija ittra datata datata 20 ta' Lulju 2015;*

*Illi permezz ta' ittra ulterjuri datata 30 ta' Lulju 2015 (Anness Dok. 'C'), l-Awtorità appellata informat lill-appellanti li "r-rapprezentazzjonijiet tieghek ma gewx milqugha u ghalhekk giet imposta fuqek Penali Amministrattiva ta' € 150 u 15 Punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament 56 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri".*

*Illi l-esponenti hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija decizjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta datata 30 ta' Lulju 2015 u qed tinterponi dan l-appell mill-istess deċiżjoni.*

*Illi l-aggravji tal-appellanti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*1. Preliminarjament id-deċiżjoni appellata hija nulla stante li l-Awtorità naqset milli taghti raġunijiet ghaliex ir-rappreżentazzjonijiet magħmula mill-appellanti permezz tal-ittra datata 25 ta' Lulju 2015 ma kienux qed jiġu milqugha;*

*2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi sottomess is-segwenti:*

*Illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JCY 905 dejjem tinżamm nadifa u f'ordni tajba u fi stat ta' mantunsenjoni tajjeb ai termini tar-Reg 56 tal-L.S. 499.56;*

*Illi fuq it-Technical Roadside Inspection Report No 00558, l-Ufficjal tal-Infurzar tal-Awtorita' Dwar it-Trasport f'Malta indika erba' faults u cioe' i. nuqqas ta' emergency hammer; ii. Brake lights ma jahdmux; iii. Emergency door maghluq minn ġewwa; u iv. Loose Ball joint.*

*Illi jibda biex jinghad s-socjeta' appellanti hija wahda li tadopera numru ta' vetturi u coaches li jintużaw ghall-garr ta' passiġġieri. Illi sabiex tassigura ruhha illi l-istess tkun konformi mar-regolamenti kollha li japplikaw ghaliha, s-socjeta' appellanti tadopera numru ta' miżuri, inkluż li timpjega persuni li r-rwol taghhom huwa propju sabiex tassigura tali konformita fil-vetturi kollha li jkunu qed jintużaw biex jiġi offrut is-servizz ta' garr ta' passiġġieri.*

*Anki kieku sempliċement ex gratia argomenti l-allegazzjoni dedotta kellha titqies fl-astratt, l-appellanti jissottomettu b'mod ġenerali illi l-vettura JCY 905 tintuża għall-ġarr ta' tfal tal-iskola, inkluz language students. L-appellanti, bħal diversi operaturi oħra, għandhom problema rikorrenti li dawn l-istudenti jilghabu b'oggetti u addirittura jiehdu oggetti li jinsabu fil-vettura jew li ghandhom jithallew fil-vettura;*

*Illi dwar in-nuqqas ta' emergency hammer l-appellanti jirrilevaw illi x-xufier tal-vettura JCY 905 kien irrappurtah nieqes ġurnata biss qabel, u dan proprju wara li*

*kien hemm xi language students li kienu qed jinġarru fil-vettura imsemmija. Dan ix-xufier ma kellux cans jirreka ruhu fil-garage tas-socjeta' appellanti dakinhar stess u kien inghata struzzjonijiet propju sabiex jarreka ruhu fil-garage tas-socjeta' appellanti mill-aktar fis. Kien f'dan il-perjodu qasir ta' żmien li lahqet saret l-imsemmija spezzjoni.*

*Dwar il-fatt illi l-safety catch tal-Emergency Door instab li kien maghluq, bhal ma inghad, din il-vettura kienet qed tintuża ghall-garr ta' Language Students. B'xorti hazina, mhux l-ewwel darba illi dawn l-istudenti jilghabu mal-emergency door handle waqt li l-vettura tkun qed tinstaq, b'riskju enormi ghall-inkolumita' taghhom stess. Huwa ghalhekk, propju sabiex tiġi salvagwardjata l-inkolumita' ta' dawn l-istudenti, illi x-xufiera jarmaw is-safety catch. Madanakollu, x-xufiera ghandhom ukoll struzzjonijiet ċari sabiex f'kaz li tinqala emerġenza, illi* <u>*immedjatament*</u> *jitfu s-safety catch.*

*Illi dwar il-brake light li ma kienetx tahdem jiġi rilevat illi dawn jinbidlu regolarment. Jigi rilevat ukoll illi sfortunatament hawn Malta hemm bżonn li ssir manutensjoni regolari hafna fuq tali brake lights. Huwa probabbli illi tali nuqqas avvera ruhu ftit hin qabel l-ispezzjoni, fejn allura wiehed ma setax raġonevolment jinduna b'dan in-nuqqas minn qabel.*

*Dwar il-ball joint li kien merhi jiġi rilevat illi din tinstab fuq il-parti ta' taht tal-vettura u sabiex jiġi aġġustat in-nuqqas kien hemm bżonn biss illi din terga' tiqieghed f'postha. Din hi proċedura li ssir normalment waqt is-servicing tal-vetturi u kienet ghalhekk kwistjoni li kienet ser tiġi aġġustata bhala prassi.*

*Illi inoltre, dwar it-tnaqqis ta' Punti ta' Penali jiġi rilevat illi d-disposittivi tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 ma jaghmlu l-ebda distinzjoni dwar in-numru ta' vetturi li jkunu qed jiġu adoperati minn kull operatur bir-rizultat illi l-probabbilita` ghola ta' incidenza ta' infrazzjonijiet minuri fuq numru ikbar ta' vetturi jista' jwassal biex tiġi irtirata l-licenzja ta' operatur ai termini tar-Reg. 112 tal-L.S. 499.56.*

*Huwa iktar probabbli li operatur li jopera numru ikbar ta' vetturi li ser jilhaq il-limitu impost mill-imsemmi regolament, minn operatur b'vettura wahda jew b'numru izghar ta' vetturi.*

*Ghalhekk, l-imposizzjoni ta' tnaqqis ta' Punti ta' Penali f'kazijiet bhal fil-kaz odjern huwa eżerċizzju abbużiv tad-disrkrezzjoni tal-Aworita` intimata in kwantu ċertament eċċessiv, partikolarment tenut kont tal-mertu tal-kaz.*

*Fiċ-ċirkostanzi tal-każ is-soċjetà esponenti tissottometti li jkun inġust li hija tiġi assoġġettata għal penali amministrattiva u t-tnaqqis ta' Punti ta' Penali ladarba l-istess kienet qed tiehu dawk il-mizuri ragonevoli kollha biex tassigura illi l-vettura JCY 905 tinzamm fi stat ta' manutnesjoni tajba filwaqt li tithares l-inkolumita' tal-passiggieri.*

*Jiġi ribadit illi dan l-aggravju fil-mertu qed isir mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju procedurali sollevati aktar 'l fuq;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, is-soċjetà esponenti, filwaqt li tirriżerva d-dritt li tipproduċi dawk il-provi li hija għandha dritt li tressaq ai termini tal-Liġi, titlob lil dan Onorabbli Tribunal sabiex iħassar id-deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta datata 30 ta' Lulju 2015, relattivament għat-Ticket Number 148800, TM Ref. No. TM 1109/2015."*

Ra r-risposta ta' l-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fit-3 ta' Settembru 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi d-decizjoni moghtija mil-Awtorita` ghat-Trasport F'Malta tat-tlettin (30) ta' Lulju tas-sena ghandha tigi konfermata fl-intier taghha stante illi hija wahda gusta u timmerita konferma stante illi ai termini tal-Att dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (Kap.499) Artikolu 7(g), fejn l- Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ghandha l-obbligu u l-funzjoni li, '**tizgura l-provediment ta' sistemi ta' trasport ta' passiggieri li jkunu adegwati, efficjenti u li ma jaghmlux hsara lill-ambjent**'.*

*Illi kwantu jirrigwarda l-ewwel aggravju, dan ghandhu jigi respint bl-ispejjez stante illi huwa wiehed infondat fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kif jigi espost waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*

*Illi kwantu jirrigwarda t-tieni aggravju dan wkoll ghandhu jigi skartat stante illi ma hux il-kaz illi s-socjeta appellanti tinheba wara skuzi u tipponta twaqqa r-responsabilta fuq il-klijenti taghha b'dan illi r-ragunijiet mghotija ma jistghu qatt jigu konsiderati sabiex jezimu r-responsabilta mil-ligi mposta fuq l-appellant u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz."*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra d-digriet tal-20 ta' Ottubru 2015 fejn it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti biex l-istess Tribunal jippronunzja ruhu l-ewwel u qabel kollox dwar l-aggravju tan-nullita` tad-decizjoni appellata;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza dwar in-nullita` tad-decizjoni appellat.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ipprocedew b'dan ir-rikors stante li hassewhom aggravati b'decizjoni tal-Awtorita` intimata mibghuta lilhom permezz ta' ittra datata 30 ta' Lulju 2015 li kienet tghid hekk:

*"Nirreferu ghar-raprezentazzjonijiet mibghuta minnek fuq il-kaz imsemmi f'ittra datata 25 ta' Lulju, 2015. Int infurmat li r-raprezentazzjonijiet tieghek ma gewx milqugha mill-Awtorita` u ghalhekk giet imposta fuqek Penali Amministrattiva ta' €150 u 15 il-Punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 56 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri."*

Illi din id-decizjoni harget wara li s-socjeta` rikorrenti ghamlet ir-rapprezentazzjonijiet taghha ghala ma kellhiex tigi mposta l-penali amministrattiva u l-punti penali u dana permezz ta' ittra datata 25 ta' Lulju 2015 u esebita bhala Dokument B a fol. 7 tal-process wara li l-istess socjeta` rikorrenti kienet giet infurmata bin-nuqqas riskontrat mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata u bl-intenzjoni tal-istess Awtorita` li timponi l-punti ta' penali u l-multa amministrattiva.[1]

Illi r-rikorrenti qeghdin jishqu illi tali decizjoni hija wahda nulla ghaliex l-Awtorita` intimata ma taghtx raguni ghaliex ir-rapprezentazzjonijiet li ghamlu permezz tal-ittra datata 25 ta' Lulju 2015 ma gewx milqugha.

Illi s-servizzi ta' garr ta' passiggieri huma regolati bil-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 li ai termini tar-Regolament 108 (10) *"Qabel ma timponi penali amministrattiva skont dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tinforma l-persuna li fuqha tkun ser tiġi imposta l-penali bl-intenzjoni tagħha permezz ta' avviż bil-miktub. Dak l-avviż għandu jkun jindika li l-persuna konċernata għandha d-dritt li tagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fi żmien għaxart ijiem billi tagħti raġunijiet għaliex il-penali amministrattiva m'għandhiex tiġi imposta u l-Awtorità għandha tikkonsidra kull rappreżentazzjoni li ssir b'dan il-mod qabel ma tasal għal deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha tavża lill-applikant konċernat bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub."*

Illi ghalhekk dak mitlub mil-ligi huwa li l-Awtorita` intimata tikkonsidra r-rapprezentazzjonijiet mibghuta mill-persuna aggravata u wara tghaddi ghad-decizjoni taghha. Illi issa fil-kaz odjern l-Awtorita` intimata infurmat lill-appellanti li ma kinitx laqghat ir-rapprezentazzjonijiet maghmula minnhom u ghalhekk ghaddiet biex imponiet il-penali amministrattiva u l-punti ta' penali.

[1] Ara Dok A a fol. 6

Illi r-rikorrenti qeghdin jishqu illi tali decizjoni hija nulla ghaliex l-Awtorita` ma spjegatx ghaliex ma kinitx qed tilqa' r-rapprezentazzjonijiet taghhom. Dan l-aggravju essenzjalment jammonta, jekk misthoqq, ghal ksur tal-principji tal-gustizzja naturali.

It-Tribunal jibda billi josserva illi kif inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fit-28 ta' Jannar 2008, *"in linea ta' principju generali huwa ben saldat, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil- gurisprudenza taghna u dik estera, illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull decizjoni, sija jekk din hi wahda gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja, sija jekk hi wahda sempliciment amministrattiva. Kull min hu msejjah biex jaghti l-gudizzju tieghu ghandu fil-minimu, anke jekk mhux b' mod approfondit, jipprovdi ir-raguni tad-decizjoni tieghu in kwantu minn din l-istess raguni ikun jista' jigi dedott l-iter logiku segwit u dak tar-raffront bejn ir-rikjest u d-decizjoni. Ara, b' ezemplari, is-sentenzi fl-ismijiet "Anthony Ellul Sullivan nomine -vs- Lino C. Vassallo et nomine", Prim' Awla, Qorti Civili, 2 ta' Gunju 1983 per Imhallef Maurice Caruana Curran, "Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq ilValur Mizjud", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, "Michael Gatt -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar", Appell, 19 ta' Novembru 2001 u "Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi nomine", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 28 ta' Marzu 2007. F' dawn is-sentenzi kollha, u bosta ohrajn ta' l-istess portata, il-Qrati ssenjalaw il-principju illi l-parti ghandu jkollu s-sodisfazzjon li jkun jaf ir-raguni l-ghala r-rikjesta tieghu tkun qed tigi michuda jew akkolta. Dan, wara kollox, mhux hlief applikazzjoni sobrija tar-regola fundamentali "audi et alteram partem", ghal liema tikkollega ruhha wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza "Alfred Sant nomine -vs- Kummissarju tatTaxxi Interni", 4 ta' Marzu 1992, citata mill-Bord. Dan premess, ma jidhirx li jista' jigi negat illi l-Kummissarju appellat ghandu, skond il-ligi, poteri ta' "quasi judicial discretion". Fl-istadju tal-konsiderazzjoni ta' l-Avviz ta' oggezzjoni mit-taxpayer hu jagixxi qisu qorti u dan jobbligah li f'kaz ta' rifjut ta' l-oggezzjoni sottomessa lilu huwa ghandu jaghti r-raguni li tkun wasslitu ghal dik id-decizjoni tieghu. Huwa ghandu, fi kliem iehor, jforni dik ir-raguni li tqieghed in riljev dak li hu necessarjament sufficjenti biex jikkjarixxi u jissorreggi r-ratio tad-decizjoni tar-rifjut tieghu. Is-sens komuni u r-regola ta' gustizzja naturali fuq accennata certament jesigu illi t-taxpayer ghandu jitqieghed in grad li adegwatament jikkontesta dak l-istess rifjut fit-tfassil tal-gravami tieghu fl-appell lil Bord u, l-aktar, ghall-fini li fil-fazi processwali quddiem dan l-istess Bord, ikun f' qaghda li jiddizempenja ruhu kif jixraq mill-piz gravanti fuqu billi juri li l-likwidazzjoni tat-taxxa mill-Kummissarju ghandha titwarrab ghax hi eccessiva jew ghal xi motiv legali iehor. Jekk hu dejjem desiderabbli li l-istharrig, anke wiehed kwazi-gudizzjarji, ikun supplit bir-rekwizit formali tal-motivazzjoni, li trid ukoll tkun wahda intrinsikament idoneja u mhux merament apparenti, huwa ferm importanti li jigi sottolinejat illi, wisq ragonevoli, ghall-iskop li jkun adempit l-obbligu tal-motivazzjoni, min ghandu jiggudika mhux tenut jikkonfuta l-argomenti kollha prospettati mill-parti imma hu sufficjenti li hu jaghti hjiel ta' dawk l-elementi li fuqhom ikun sawwar il-konvinciment tieghu. Dan tghidu wkoll is-sentenza fl- ismijiet "Paul Pace -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 6 ta' Ottubru 2000. Id-dottrina procedurali tinsenja illi, implicitament, ic-*

*cirkustanzi u r-riljievi l-ohra li setghu gew sollevati, ankorke ma jigux specifikament imsemmija, ghandhom logikament jitqiesu inkompatibbli mad-decizjoni adottata."*

Illi mill-ittra mibghuta mir-rikorrenti datata 25 ta' Lulju 2015 jirrizulta ben car li l-istess rikorrenti kienu konsapevoli tan-nuqqasijiet allegatament riskontrati mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata u dana ghaliex tali ittra titratta punt punt dawn in-nuqqasijiet. Jirrizulta illi ghall-Awtorita` l-ispjegazzjoni moghtija ma kinitx accettabbli u ghalhekk ghaddiet ghad-decizjoni taghha bazata fuq ksur ta' Regolament 56 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri li jghid is-segwenti:-

*"Kull operatur u xufier għandu jżomm il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri dejjem nadifa u f'ordni tajba u fi stat ta' manutenzjoni tajjeb."*

Illi r-rikorrenti ma jistghux jghidu li kienu fl-ghama dwar in-nuqqasijiet allegatement riskontrati ghax kif hemm imnizzel fl-ittra mibghuta minnhom u datata 25 ta' Lulju 2015, jirrizulta illi x-xufier tal-vettura in kwistjoni gie moghti *Technical Roadside Inspection Report* fejn gew irrekordjati erba' nuqqasijiet u cioe`:

*No emergency hammer*
*Brake lights not functioning*
*Emergency door locked from inside*
*Ball joint*

Illi l-fatt li l-Awtorita` intimata ma irribadietx kull punt sollevat fir-rapprezentazzjonijiet ma jaghmilx l-istess decizjoni wahda nulla. L-importanti hu li fid-decizjoni taghha l-Awtorita` indikat b'mod car abbazi ta' liema Regolament kienet qieghdha timponi s-sanzjoni amministrattiva u dan sabiex tpoggi lill-persuna koncernata f'posizzjoni li jekk ikun il-kaz ikun jista' jappella minn tali decizjoni.

Illi kuntrarjament ghal dak sottomess mis-socjeta` rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-Awtorita` intimata mhix entita` kwazi-guridika imma hija r-Regolatur fil-qasam tat-trasport f'Malta u *qua* Regolatur ghandha d-dritt timponi multi amministrattivi u punti ta' penali ghan-nuqqasijiet riskontrati minnha, liema poter jemani mil-ligi stess. Illi t-Tribunal jinnota illi d-diversi sentenzi citati mis-socjeta` rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha jikkoncernaw entitajiet gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji bhal ma huwa l-Arbitru tas-Sigurta` Socjali u l-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Ippjanar. Illi dan it-

Tribunal huwa tal-fehma illi d-decizjonijiet moghtija minn dawn l-entitajiet ghandhom ikunu motivati in linea ma' dak li jipprovdi artikolu 3 (2) (h) tal-Kapitolu 490 pero` jerga' jigi ribadit li d-decizjoni appellata ma nghatax minn xi entita` gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja. Tant hu hekk li wara l-istess decizjoni, persuna aggravata ghandha rikors ghal appell quddiem dan it-Tribunal u jekk is-sentenza pronuncjata minn dan it-Tribunal taggravah, ikollu rikors ghal appell ulterjuri quddiem il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri jew Superjuri skond il-kaz.

Illi fil-penultimu paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` rikorrenti tissottometti wkoll illi minkejja s-sottomissjonijiet li ghamlet qabel harget id-decizjoni appellata, l-Awtorita` intimata ma indirizzatx tali sottomissjonijiet fl-istess decizjoni. Illi mid-decizjoni appellata jirrizulta illi l-Awtorita` intimata ghamlet referenza ghall-istess rapprezentazzjonijiet li pero` ma gewx milqugha minnha. Il-fatt li l-Awtorita` intimata ma ssemmix wahda wahda r-ragunijiet ghaliex ma laqghatx tali sottomisjonijiet ma jfissirx, kif qed tishaq is-socjeta` rikorrenti, illi l-Awtorita` intimata ma gewx trattati minnha biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju tar-rikorrenti qieghed jigi respint.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel aggravju tas-socjeta` rikorrenti u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tar-rikors fil-mertu.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**